**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 12 TA' MEJJU 2019**

**Quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm**
Għada l-Ħadd 12 ta' Mejju 2019 fil-quddiesa tad-9:15am ser niċċelebraw Jum l-Omm. Qed nistiednu lit-tfal iġibu magħhom fjura biex inpoġġuha f'riġlejn ix-xbieha ta' Marija. F'din il-quddiesa jsir ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna mit-tfal u min jixtieq nistiednukom ukoll biex iġibu bukkett fjuri lill-Madonna.

**Tberik tal-Familji**
It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.
**It-Tnejn 13 ta' Mejju 2019**
Triq l-Aħdar u Triq l-Ikħal.

***Eurovision Pasta Night***
Is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 mit-8:30pm 'il quddiem ser norganizzaw *Eurovision Pasta Night fis-Sala Sant'Anna.* Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Voluntiera tal-Parroċċa.

**Magħmudija Komunitarja**
Il-Ħadd 19 ta' Mejju 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**
Il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2019 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:00pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.